MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Numru. 1022/2009

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Glenn Spiteri, iben Lawrence, imwieled Pieta' fit-12 ta' Jannar, 1988, Karta ta' l-Identita numru 48688(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-30 ta' Settembru, 2009 u fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel, xjentement xtara jew laqa' għandu oġġetti misruqa li l-valur tagħhom jeċċedi €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 u li ġew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

2. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b'sentenżi tal-Qrati ta' Malta liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kif ukoll ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu li dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmat li t-television ingħata lura lil sidu u li l-valur ta' dan l-oġġett hu ta' nqas minn €2,300.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf mija u ħamsa u sittin euro (€1,165). Minbarra dan rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li sentenza sospiża mogħtija minn din il-Qorti b'sentenza tat-13 ta' Mejju, 2008 fejn l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin tali sospensjoni terġa tiġġedded għal perjodu ta' erba' snin b'effett mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------